**3 ta' April, 1964.**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Romeo Sammut

versus

Flight Lieutenant Keneth M. Shaw-Brown.

**Kolliżjoni — Integrietà tal-Ġudizzju — Kjamata in Kawża — Disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni Dwar il-Lingwa.**

**Art. 2(1)(b) IV Schedule ta' l-Ordni fil-Kunsill ta' l-1961 Dwar il-Kostituzzjoni ta' Malta.**

*In linea ta' massima u fiċ-ċirkustanzi kongruwi jista' jkun desiderabbli li anki d-driver l-ieħor ikun fil-kawża. B'dana kollu jekk sid il-karozza danneġġata jirritieni li responsabili tal-ħsara mhux id-driver tiegħu, imma d-driver tal-karozza l-oħra involuta fl-iskontru u jaġixxi kontra dak id-driver l-ieħor, mingħajr ma jiċċita d-driver tiegħu ukoll, b'daqshekk ma hemmx lezzjoni għall-integrita tal-ġudizzju, salv dejjem li d-driver ċitat jitlob, jekk jidhirlu l-kjamata fil-kawża tad-driver tas-sid.*

*Id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni dwar il-lingwa għandhom jiġu osservati bil-metikolosita u s-solennita proċedurali kollha, għax dawn jolqtu l-ordni pubbliku.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — premess illi fl-14 ta' April, 1963, il-konvenut li kien qiegħed isuq il-karozza numru 25754, imħabba negliġenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ħabat mal-karozza numru 10087 proprjetà ta' l-attur u kkaġuna ħsara fl-istess karozza a detriment tal-attur, talab illi l-konvenut (1) jiġi dikjarat responsabbli għall-ħsarat sofferti mill-attur in konsegwenza tal-kolliżjoni fuq imsemmija, (2) jiġu likwidati l-istess danni sofferti mill-attur fil-karozza tiegħu msemmija u dan, jekk hemm bżonn, permezz ta' perit li jiġi nominat, u (3) jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma li tiġi hekk likwidata in linea ta' danni. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet li biha l-konvenut oppona illi hu mhux responsabbli għall-ħsara peress li l-ħabta kienet konsegwenza tal-mod traskurat illi kien qed isuq

Carmelo Sammut li kien isuq il-karozza ta' l-attur.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-25 ta' Ottubru, 1963 li biha laqgħet it-talbiet ta' l-attur billi ddikjarat lill-konvenut responsabbli, u hu biss, tal-kolliżjoni u danni li harġu minnha; illikwidat dawna d-danni fis-somma ta' għaxar liri (£10), u kkundannat lil-konvenut li jħallas dan l-ammont lill-attur; bl-ispejjeż kontra l-konvenut, wara li kkunsidrat:

*Omissis*

Rat in-nota li biha l-konvenut appella minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata, l-atti kollha tal-kawża jiġu dikjarati iriti u nulli u hu jiġi liberat 'ab observanitia'; jew, in subordine, prevja r-revoka ta' dik is-sentenza, jiġu annullati l-proċeduri kollha mill-bidu tat-trattazzjoni u l-proċess jiġi rinvjat lill-ewwel Qorti; jew, dejjem subordinatament, is-sentenza tiġi revokata u fil-meritu, id-domandi ta' l-attur jiġu miċħuda, f'kull każ bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur.

Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Fil-petizzjoni ta' l-appell, l-appellant eċċepixxa preliminarment illi ċ-ċitazzjoni kienet nulla għaliex ma saretx in kontestazzjoni ta' l-interessati kollha. Din l-eċċezzjoni l-appellant ibbażaha fuq il-fatt i li. fil-kolliżjoni in kwistjoni kien hemm involuti żewġ drivers, ċioe hu nnifsu u bin l-attur Carmelo Sammut, u għalhekk — qal l-appellant — kien essenzjali illi dan id-driver l-ieħor ukoll ikun fil-kawża.

Per konsegwenza l-atti kollha tal-kawża huma nulli u hu għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Dan id difett fl-integrita tal-ġudizzju — spiċċa jgħid l-appellant fuq din il-kwistjoni — kien jidher ċar anki għall-ewwel Qorti u hi messha qajmet dan il-punt 'ex officio' għax din hi kwistjoni ta' ordni pubbliku.

Din l-eċċezzjoni ġiet sollevata l-ewwel darba fl-appell u għaliha ma kien hemm ebda aċċenn in prim'istanza. Iżda apparti jekk, trattandosi indubbjament ta' eċċezzjoni li hi perentorja biss tal-ġudizzju u mhux anki tal-meritu dan satax isir (ara għall-prinċipju, Vol. XXXIII, I 633), l-eċċezzjoni hi manifestament infondata. Kif qalet din il-Qorti fil-kawża "Zammit Cutajar vs. Formosa" (App. Ċiv. 26.6.1961), anki jekk jista' jkun talvolta in linea ta' massima u fiċ-ċirkostanzi kongruwi desiderabbli, li anki d-driver l-ieħor ikun fil-kawża, b'dana kollu jekk sid il-karozza ddaneġġjata jirritjeni li responsabbli tal-ħsara mhux id-driver tiegħu imma d-driver tal-karozza l-oħra nvoluta fl-iskontru u jaġixxi kontra dak id-driver l-ieħor, mingħajr ma jiċċita d-driver tiegħu wkoll, b'daqshekk ma hemmx [illegible] għall-integrita tal-ġudizzju, salv dejjem li d-driver l-ieħor ċitat jitlob, jekk jidhirlu, il-kjamata fil-kawża tad-driver tas-sid instanti għall-ħsara.

Fil-fehma tal-Qorti hu ċar illi, jekk attur li jkun bata danni minħabba kolliżjoni bejn żewġ vetturi, jidhirlu illi wieħed biss miż-żewġ drivers huwa responsabbli tal-kolliżjoni ikun inġust u irrazzjonali li ġagħlu bil-fors li jħarrek ukoll id-driver l-ieħor li hu stess jirritjeni mhux kolpevoli, u se non altro jirriskja li jeħel l-ispejjeż tiegħu. Jekk l-apprezzament tar-responsabbiltà ta' l-attur hux sewwa jew le hi kwistjoni ta' meritu u mhux ta' proċedura: u ebda nġustizzja jew tfixkil m'hu b'daqshekk kawżat lid-driver konvenut. għax jekk hu jidhirlu illi r-responsabbili-

ta ma kienetx tiegħu jew ma kienetx kollha tiegħu, hu dejjem jista' jikkjama d-driver l-ieħor fil-kawża, u, fi kwalunkwe każ, jagħmel il-provi bil-mezzi kollha permessi mil-liġi. Fil-każ presenti stess, xejn ma mpedixxa li tiġi nvestigata, għall-finijiet tad-difiża tal-appellant, il-possibilita tal-ħtija tad-driver l-ieħor (għad li ma kienx formalment parti filkawża) permezz tax-xhieda u saħansitra ta' perizja. Il-kompitu tal-Qorti hu li tinvestiga l-pretenżjoni ta' l-attur u li taċċerta jekk dik il-pretenżjoni li responsabbli għall-ħsara sofferta minn kien unikament id-driver konvenut hix fondata jew le. Dan l-aċċertament jiddependi mill-provi u mhux, bl-ebda mod, neċessarjament, mill-preżenza fil-kawża anki tad-driver l-ieħor. Jekk il-Qorti ssib illi l-pretensjoni ta' l-attur ma ġietx pruvata għax tirritjeni, bħala fatt, illi parti mill-ħtija għad-danni sofferti mill-attur kien id-driver l-ieħor is-sentenza għal dan id-driver l-ieħor ċertament ma tkunx ta' preġudizzju jekk hu ma kienx fil-kawża. Iżda dan ma jġib ebda nuqqas fl-integrità tal-ġudizzju fir-rapport proċesswali bejn l-attur u l-konvenut ċitat.

Del resto dan jidher mil-liġi stess. Anki meta tnejn minn nies jew aktar ikunu kkaġunaw, sija pure nvoluntarjament, il-ħsara u l-attur ma jkunx jaf f'liema proporzjon, hu jista' jiċċita wieħed biss u jippretendi l-ħlas kollu minn għandu, salvo r-rigress ta' dan kontra l-oħrajn: għal-liema fini l-konvenut jista' jitlob il-kjamata fil-kawża tagħhom (art. 1093 Kod. Ċiv. ara wkoll Vol. XL, II, 746).

Dan kollu voldiri illi, jekk jinqalgħu l-inkonvenjenti prospettati mill-appellant minħabba possibilità ta' ġudikati konfliġġenti bi preġudizzju tad-driver konvenut dan jiġri sempliċement għaliex hu nnifsu ma jkunx għamel użu mirrimedju li l-liġi tqiegħed għad-disposizzjoni tiegħu.

Mhux aċċettabbli li l-appellant jippretendi li l-ewwel

Qorti messa għamlet "ex officio" dak li messu u setgħa għamel hu stess jekk deherlu li kien fl-interess tiegħu. Hemm ċertament każijiet li fihom is-setgħa tal-Qorti li tordna hi stess il-kjamata fil-kawża tista tittrasforma ruħha f'dover. Iżda dan mhux wieħed minnhom, partikolarment għaliex, kif ġa ntqal, il-presenza tad-driver l-ieħor fil-kawża, ma kienetx essenzjali għall-integrita tal-ġudizzju bħala kwistjoni ta' proċedura, fuq il-bażi tad-domanda kif magħmula mill-attur.

Bir-rispett kollu għall-appellant hu ovvjament abbuż tal-kliem li jingħad illi, għaliex il-liġi tal-proċedura hi liġi ta' ordni pubbliku, ergo kull eċċezzjoni ta' proċedura, anki stess meta jkun hemm lok għaliha għanda tiġi rilevata mill-Qorti 'ex officio'.

Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-appellant hi nfondata.

Fit-tieni lok l-appellant eċċepixxa wkoll illi l-proċeduri kollha quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, mill-ewwel seduta l-quddiem kienu nulli għaliex il-Qorti naqset li tagħti l-ordni biex il-proċeduri jsiru bil-Malti u naqset ukoll li tipprovvedi biex il-proceduri jiġu nterpretati lilu.

Skond il-paragrafu 2(1)(b) tal-Fourth Schedule annessa ma l-Ordni fil-Kunsill ta' l-1961 dwar il-Kostituzzjoni ta' Malta,

> "Where any of the parties (quddiem Qorti ta ġurisdizzjoni ċivili) is a Maltese speaking person and any one of the parties is an English-speaking person, the proceedings shall be conducted in the Maltese language or in the English language as the court shall order."

U skond is-subparagrafu (e) ta' l-istess paragrafu.

> "Where any party concerned does not understand the language in which the proceedings are conducted, they shall be interpreted to him either by the Court or by a sworn interpreter.

Issa l-kwistjoni sollevata mill-appellant, kif intqal. dwar l-allegata inosservanza ta' dawn id-disposizzjonijiet hi, fil-fehma tal-Qorti, bla dubju serja u ppreokkupat lill-Qorti. Iżda wara li ħasbet sewwa l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tilqa l-eċċezzjoni.

Bħala fatt, għad illi ma saret fuq hekk ebda prova diretta, ma tantx jidher li jista jkun hemm dubju illi l-appellant hu persuna li titkellem bil-Ingliż. Bħala fatt, wkoll, ma jidherx mill-proċess illi l-ewwel Onorabbli Qorti tat ordni formali biex il-proċeduri jsiru kif saru, bil-Malti jew xi provvediment biex il-proċeduri jiġu nterpretati lill-appellant.

B'dana kollu, pero, il-Qorti ma taħsibx illi, fiċ-ċirkostanzi kif ġraw, hemm in-nullita nvokata issa mill-appellant. Ċertament il-Qorti tifhem l-importanza tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni dwar il-lingwa u n-neċessita li dawk id-disposizzjonijiet jiġu osservati bil-metikolożita u s-solennita proċedurali kollha, bħala disposizzjonijiet li tassew jolqtu l-ordni pubbliku, peress li huma ntiżi biex jissalvagwardaw u jassiguraw il-prinċipju, superjuri anki għall-interess privat tal-partijiet, illi l-ġustizzja mhux biss fil-fatt tiġi amministrata iżda anki jkun jidher manifestament li qegħda tiġi amministrata sewwa u skond il-liġi.

Imma l-liġi jinħtieġ li tiġi nterpretata u applikata fit-termini tagħha. Issa l-Fourth Schedule tibda biex tiddis

poni illi, bla ħsara tad-disposizzjonijiet l-oħra tagħha, il-lingwa Maltija hi l-lingwa uffiċjali tal-qrati u li l-proċeduri kollha quddiemhom għandhom isiru b'dik il-lingwa.

Din mela hi r-regola, liema regola hi sostnuta u, biex wieħed jgħid hekk, avallata, mis-subparagrafu mmedjatament sussegwenti li j'pprovdi illi:—

> "For the purpose of paragraph (2) of this Schedule every person shall be deemed to be Maltese-speaking unless the court shall be satisfied to the contrary."

Dan ifisser fil-fehma tal-Qorti illi sa kemm ebda waħda mill-partijiet ma tqajjem quddiem il-Qorti l-kwistjoni tal-lingwa u tissoddisfa l-Qorti illi hi mhux persuna li titkellem bil-Malti, il-presunzzjoni legali kreata b'dan is-subparagrafu (2) tal-paragrafu 1 tibqa sseħħ, id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 2 ma jidħlux in operazzjoni, u topera invece r-regola ġenerali fuq imsemmija illi l-proċeduri jsiru bil-Malti skond il-paragrafu 1 bla ma hemm bżonn għal dan ebda ordni speċjali tal-Qorti.

L-appellant irrileva waqt it-trattazzjoni illi l-fatt li l-appellant kien persuna li titkellem bl-Ingliż kien jidher mill-ewwel mill-fatt illi ċ-ċitazzjoni ġiet notifikata lilu flimkien ma traduzzjoni bl-Ingliż, kif jingħad fir-riferta tal-Marixxal. Iżda preċisament mill-konfront ta' l-imsemmi paragrafu 1(2) mal-paragrafu 4(1) tidher, fil-fehma tal-Qorti, d-differenza determinanti. Skond din l-aħħar disposizzjoni t-traduzzjoni bl-Ingliż ta' att ġudizzjarju li jibda proċeduri jew ikollu x'jaqsam magħhom tiġi, b'ordni tar-Registratur, notifikata flimkien mal-kopja ta' l-oriġinal meta r-Registratur "has reason to believe" illi l-persuna notifikanda hi persuna li titkellem bl-Ingliż. Vwoldiri, biex dan isir, biżżejjed illi jkun jidher prima facie lir-Registra-

tur, — per eżempju għax il-kunjom jidher Ingliż jew għal xi raġuni oħra, — li dik il-persuna hi "English-speaking." Inveċe, biex il-Qorti, tista tagħmel ordni taħt il-paragrafu 2, jeħtieġ kif ġa ntqal illi hi tkun soddisfatta illi xi waħda mill-partijiet ma tkunx "Maltese-speaking" għax, finnuqqas, kolla jitqiesu li huma tali.

Issa fil-każ presenti m'hemm xejn fil-proċess li juri li da parti ta' l-appellant jew xort'oħra, saret xi ħaġa biex tissodisfa l-Qorti kif intqal: ebda talba biex il-proċeduri jsiru bl-Ingliż u ebda dikjarazzjoni jew verbal fis-sens illi l-appellant kien persuna li titkellem bl-Ingliż.

Hu veru illi, skond is-subparagrafu (b) tal-paragrafu 2 — invokat mill-appellant — l-ordni saħa kien anki biex il-proċeduri jsiru bil-Malti. Iżda l-Qorti hi ta' fehma illi, fiċ-ċirkostanzi fuq imsemmija, biex il-proċeduri jsiru bil-Malti, ma kienx hemm ebda bżonn ta' ordni speċjali, ġa la darba kienet topera r-regola ġenerali ta' l-paragrafu 1. U la kienet topera din ir-regola bil-presunzzjoni legali stabbilita fis-subparagrafu (2) ta' dak il-paragrafu, anqas saret applikabbli d-disposizzjoni tas-subparagrafu (e) tal-paragrafu 2 li, għall-finijiet tiegħu kollu, appuntu saret il-presunzjoni tal-paragrafu 1(1). Del resto anqas jidher ċar liema proċeduri l-appellant jippretendi li messhom ġew interpretati lilu għax mill-proċess ma jidherx ħlief illi l-appellant personalment attenda seduta waħda u f'dik isseduta ma ġara xejn iżjed ħlief illi xehed huwa stess u martu, it-tnejn bl-Ingliż, u l-attur iddikjara li ma kellux aktar provi.

In-neċessita ta' xi inizzjativa da parti ta' min m'hux Maltese-Speaking u jixtieq illi l-proċeduri ma jsirux bil-Malti jew, għall-inqas li l-Qorti tikkunsidra jekk għandhom

isiru mhux bil-Malti donna tidher ukoll mill-paragrafu 4, li, wara li jiddisponi, kif ġje ġa rilevat, illi r-Reġistratur għandu jġiegħel li tintgħat traduzzjoni bl-Ingliż meta għandu raġun biex jaħseb illi l-att ser jiġi notifikat lill-persuna li titkellem bl-Ingliż, jissokta jiddisponi illi, jekk għal xi raġuni hi x'inhi t-traduzzjoni bl-Ingliż ma tiġix notifikata, din il-persuna tista titlob dik it-traduzzjoni wara li tiddikjara illi hi persuna li titkellem bl-Ingliż. Jekk din it-talba ssir, ir-Registratur għandu minnufih jordna li tiġi mogħtija t-traduzzjoni u jekk it-talba ssir fi żmien tlett ijiem min-notifika tal-kopja ta' l-oriġinal ta' l-att, kull terminu stabbilit mil-liġi jitqies li jibda jiddekorri mid-data tal-konsenja tat-traduzzjoni.

Imkien f'dan il-paragrafu jew x'imkien ieħor fl-Iskeda ma jingħad illi, kemm il-darba t-talba għat-traduzzjoni ma ssirx, l-att għalkemm notifikat bil-Malti biss lil persuna li hi "English-speaking", ikun null jew ineffikaċi, jew li, sa kemm dik it-talba ssir, il-proċeduri għandhom jibqgħu sospiżi, jew li xort'oħra l-Qorti għandha minn rajha, tagħti xi provvediment, għad illi jista jkun jidher mill-isem jew ċirkostanzi oħra li l-persuna notifikata hi "English-speaking.'

Il-Qorti għalhekk hi ta' fehma illi la darba l-appellant, personalment jew permezz ta' l-Avukat li kien jassistih quddiem l-ewwel Qorti, ma qanqal ebda kwistjoni jew għamel ebda dikjarazzjoni dwar il-lingwa tiegħu, il-proċeduri setgħu jkomplu bil-Malti u għal dan l-iskop ma kien hemm ebda ħtieġa ta' ordni formali tal-Qorti. Dan jidher li jaqbel ma dak li ġie ritenut fil-kawża "Stewart vs. Mattei" (Vol. XXIX, IV. 755) ċitata mill-appellant fejn intqal illi — skond il-liġi allura in vigore (li għal dak li hu rilevanti ma jidherx li kienet dissimili mill-preżenti) biex il-proċe-

duri jsiru bil-Malti ma kienx hemm bżonn ta' ebda talba — **"għaliex l-użu tal-Malti huwa r-regola, li ma tiġix mieqsa ħlief fuq talba u r-raġunijiet skond il-liġi għall-kuntrarju."**

Jista' jkun illi fil-kawża l-oħra "Police vs. Jatrondakis" (ibid p. 505) ġie segwit prinċipju divers: iżda jekk hu hekk din il-Qorti, bir-rispett kollu, ma tħossx li tista' taqbel magħha.

Għalhekk, anqas it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-appellant *ma tista' tiġi milqugħa u l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad* iż-żewġ eċċezzjonijiet fuq imsemmija spejjeż riservati u tiddifferixxi l-kawża għat-tlettax (13) ta' April, 1964. għall-kontinwazzjoni.